# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-58 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 20 ta' Lulju 2023 fl-4:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**58.01 Talba**

58.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**58.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

58.02.01 Is-S.E. infurmat li l-Viċi Sindku kien informa li ma kienx ser jattendi minħabba raġunijiet personali. Il-Viċi Sindku ġie meqjus bħala skużat.

**58.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat numri 56 u 57.**

58.03.01 Il-Minuti tal-laqgħat numri 56 u 57 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Dingli ippropona u l-Kunsillier Decelis issekonda.

**58.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

58.04.01 B'referenza għal-laqgħa li s-Sindku kellha mas-*CEO* ta' Infrastruttura Malta, hija infurmat li x-xogħol fuq il-bankini ta' Triq Karmenu Ciantar għandu jibda fil-bidu ta' Settembru 2023. Għaldaqstant se ssir laqgħa fuq il-post mal-Perit Vassallo kif ukoll mal-każini tal-banda sabiex jiġu diskussi aħjar l-installazzjoni tal-arbli tad-dawl tat-triq dekorattiv u l-armar tal-festi fl-imsemmija triq.

58.04.02 Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-Perit tal-Kunsill, sabiex fuq struzzjonijiet ta' Transport Malta, jingħalaq l-aċċess ta' Triq Baskal Xuereb min-naħta ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Dan sabiex jiġi eliminat il-periklu meta l-vetturi joħorġu mill-imsemmija triq għal ġol-karreġġjata tal-*bypass* kif ukoll biex l-istess TM tkun tista' tiksi din it-triq bit-tarmak.

58.04.03 Is-Sindku rreferiet għal-laqgħa ta' qabel il-festa ta' Santa Marija li nżammet mas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Hija kompliet billi infurmat li min-naħa tal-Kunsill sar ix-xogħol diskuss, fosthom it-talba għall-għeluq tat-toroq għat-

trasport pubbliku fil-jiem tal-festa, inkluż Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal lejliet u nhar il-festa, ġie ordnat ix-xorb u s-silġ biex jingħata *drink* lill-bandisti waqt il-marċ ta' nofsinhar f'jum il-festa, sid il-gabbana li kien jarma fil-posta fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija k.m. Triq l-Imterrqa ġie notifikat li mhux se jinħarġu iktar permessi fuq it-tali posta fuq struzzjonijeit tas-Supretendent, ġew ordnati l-*mobile toilets* u l-ambulanza *standby* għal-lejliet u nhar il-festa, kif ukoll ġie ordnat il-ħasil tal-pjazza.

58.04.04 Is-Sindku semmiet il-laqgħa li kellha rigward iċ-*Charging Pillars*, fejn minkejja li l-kunsill kien diġà issuġġerixxa s-siti għall-installazzjoni tagħhom, il-Ministeru bagħtilna lista b'siti differenti. Is-Sindku hi tal-opinjoni li l-Kunsill għandu jikkonferma bejn żewġ u tliet siti mil-lista sabiex ma jonqosx wisq il-parkeġġ.

58.04.05 Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa ma' Transport Malta (TM) fejn ġew diskussi diversi *issues*. Rigward il-venda li preżentement tinsab fi Triq Karmenu Ciantar, hija ġiet infurmata li skont TM mhux possibbli li timxi għal Triq il-Qrendi, u sit alternattiv li jista' jiġi kkunsidrat huwa f'Misraħ il-Fidwa. Fuq din ma kienx hemm qbil mill-Kunsillieri preżenti għar-raġuni li f'każ li jiltaqgħu 3 karozzi tal-linja fl-istess ħin xorta ser ikun hemm problema. Kien hemm qbil li tintalab laqgħa mal-*Malta Public Transport* sabiex jerġgħu jikkunsidraw it-talba tal-Kunsill biex il-venda timxi għal Triq il-Qrendi.

Is-Sindku semmiet ukoll li rigward *parking bays* fil-kantunieri, TM infurmatha li ma jistgħux isiru u dawk eżistenti huma kontra l-liġi.

Rigward id-*double yellow lines* li saru minn TM fi Triq M'Ang Sapiano, is-Sindku qalet li ladarba kellna ningħataw risposta u direzzjoni dwarhom mingħand l-istess TM, u bqajna ma rċevejna xejn, l-imsemmija linji tneħħew fuq struzzjonijiet tagħha stess.

Is-Sindku kompliet billi infurmat li TM tista' tapprova li ssir iż-*zebra crossing* fi Triq tas-Sejba wara li ssir estensjoni tal-bankina eżistenti fl-istess triq.

58.04.06 Is-Sindku infurmat li waqt il-laqgħa li saret ma' *Project Green*, dwar id-diżinn propost tal-proġett tal-Mitħna fi Triq il-Qrendi, hija ressqet il-proposti tagħha fosthom li, f'dan is-*Sensory Park*, ikun hemm *dog park* u li bħala *playing equipment* għandu jkun hemm installat anke dak addattat għat-tfal ta' età żgħira. Semmiet ukoll li l-park se jkun fir-responsabiltà ta' *Project Green* għal 10 snin, fejn eventwalment wara jkun jinħtieġ li jsir *revamp* tiegħu.

58.04.07 Rigward il-*cat shelters* fl-Imqabba, is-Sindku semmiet li rċeviet proposta mil-*cat feeders* biex il-*cat shelter* li bħalissa tinsab fl-Isptar il-Qadim sakemm jinstabilha post addattat, din tista' tiġi mpoġġija f'Misrah il-Missjoni ż-Żgħira. Fuq din kien hemm diskussjoni u ma kienx hemm qbil li titpoġġa fejn propost, għar-raġuni li bħalma qed jiġri b'dik fl-iskola, qed jiżdiedu l-problemi bil-*hornets* li qed jiġu attirati mill-ikel tal-qtates.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


58.04.08 Rigward il-proġett tal-Isptar il-Qadim, is-Sindku infurmat li l-Perit tal-Kunsill kellu jissottometti dak mitlub mill-*SCH* sabiex ikun jista' joħroġ il-permess.

58.04.09 Is-Sindku tat *update* dwar il-proġett tal-Ġnien tal-Mentna. Fuq dan kien hemm diskussjoni dwar il-kisi tal-kamra u taċ-ċnut tal-ġnien kif ukoll dwar il-*cladding* fuq l-uċuh ta' fejn qabel kien hemm l-injam.

58.04.10 Is-Sindku infurmat li Callus iffirma l-kuntratt il-ġdid rigward il-*landscaping* fi Triq il-Konvj ta' Santa Marija u għaldaqstant Ambjent Malta tista' tibda tieħu ħsieb hi minflok. Intant qed nistennew l-istimi mil-*GEB*, il-kuntrattur ta' Ambjent Malta, biex jitħawwlu numru ta' siġar li jrid jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill Lokali.

58.04.11 Is-Sindku infurmat li l-Attività Kulturali ġiet konfermata li ser ssir fl-20 ta' Ottubru 2023 filwaqt li din l-attività m'għandha x'taqsam xejn ma' Jum ir-Raħal. Semmiet ukoll li bħala talent lokali waqt l-imsemmija attività hemm ikkonfermati Eleonor Cassar u Federica Falzon, filwaqt li għandna kkonfermata wkoll il-parteċipazzjoni ta' Joemike u Lyden kif ukoll tal-grupp Kantera.

58.04.12 Is-Sindku semmiet ukoll li ser torganizza ħarġa għal Għawdex *"Gozo by Night"* nhar is-17 ta' Awwissu 2023.

58.04.13 Is-Sindku rriaffermat dwar il-membri tal-bord, maħtura bejn il-laqgħat tal-kunsill, għall-vakanza ta' *Assistant Principal* mal-Kunsill Lokali.

**58.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

58.05.01 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar parti mkissra mill-*irrigation* tas-*Service Road* fi Triq il-Konvj ta' Santa Marija. Fuq dan ser jiġi ċċekkjat min ser iwettaq il-manutenzjoni, jekk hux Ambjent Malta jew il-Kunsill Lokali.

58.05.02 Il-Kunsillier Dingli staqsa x'sar dwar l-arbli tal-festi li ntlaqtu mill-vetturi. Is-S.E. spjegat li r-rapport tal-pulizija li kien sar f'Jannar intilef għaliex mill-Għassa Żurrieq intbagħat l-Għassa ta' Birżebbuġa minflok f'taż-Żejtun. Issa suppost li m'hemmx iktar *issues* għaliex in-numru l-ġdid tar-rapport ġie mgħoddi lill-*Insurance*.

58.05.03 Il-Kunsillier Dingli reġa' staqsa dwar l-applikazzjoni għal *Communal Reserved Parking for Blue Badge Holders* fi Triq is-Saljatura. Is-S.E. infurmatu li ser tiċċekkja dwarha u ser tagħtih *feedback*.

58.05.04 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar id-dewmien rigward l-installazzjoni tad-dawl ġdid tat-triq. Is-S.E. spjegat li ser tibgħat tfakkira lill-kuntrattur fuq l-ordnijiet li saru.

58.05.05 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar it-tabella ta' Sqaq Numru 3 fi Triq il-Parroċċa fejn kien hemm qbil unanimu biex it-tabella tiġi tindika *No Parking Except for Un/Loading*. Fuq din kien hemm diskussjoni u inbidlet id-deċiżjoni wara li ttieħed vot minħabba l-infurzar, u r-riżultat ġie 3 kontra 1.

58.05.06 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar *bollards* biex ma jipparkjawx madwar il-Katakombi tal-Mentna. Is-Sindku infurmatu li dawn ma jistgħux isiru mill-Kunsill Lokali peress li l-Katakombi huma fir-responsabiltà ta' *Heritage Malta*.

58.05.07 Il-Kunsillier Decelis reġa' staqsa dwar il-*bus shelter* fi Triq il-Qrendi. Is-Sindku infurmatu li issa l-*bus shelters* ġew fir-responsabiltà ta' *Faces Displays* u mhux suppost li għandu jkun hemm wisq dewmien biex dan isir.

**58.06 Jum L-Imqabba 2023**

58.06.01 Is-Sindku ipproponiet li l-Ġimgħa 20 ta' Ottubru 2023 issir attività għat-tfal fejn it-tema tkun *Healthy Eating* u jitqassam *fresh orange juice* lit-tfal. L-għada, is-Sibt 21 ta' Ottubru 2023 isiru l-attivitajiet sportivi fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu, fejn għalihom hemm bżonn li jsir pjan, filwaqt li filgħaxija tittella' s-Serata Ġieh l-Imqabba.
Fuq dawn kien hemm diskussjoni fejn fosthom issemmew li għas-Sibt filgħodu jintrema *bouncy castle* li jitpoġġa daru man-naħa tar-Remissa Bar; issemmew ukoll muturi għal Triq il-Madonna tal-Ġilju; Pulizija bil-klieb għal ġoz-Zuntier tal-Knisja; u żwiemel għal Triq Karmenu Ciantar. Kien hemm qbil ukoll li nippruvaw inġibu *Fire Engines* kif ukoll *bungy jumping*.
Kien hemm qbil ukoll li tintbagħat stedina lill-NGOs tar-raħal biex nhar il-21 ta' Awwissu 2023 jiltaqgħu mal-Kunsill Lokali biex jagħtu l-ideat tagħhom dwar x'jistgħu jorganizzaw min-naħa tagħhom f'Jum l-Imqabba.
Id-diskussjoni kompliet dwar il-Ħadd 22 ta' Ottubru 2023 filgħodu, fejn issemma li ser ikun hemm il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr, id-daqq tal-fanfarra mill-każini tal-banda, kif ukoll *show* tal-karozzi fil-Pjazza tal-Knisja.
Kien hemm qbil ukoll biex nordnaw Ambulanza standby u l-assistenza ta' żewġ uffiċjali tal-LESA għal waqt l-attivitajiet tas-Sibt filgħodu, bejn id-9am u nofsinhar u 2 oħra għal waqt ix-*show* tal-karozzi il-Ħadd bejn id-9am u nofsinhar.

Ġie deċiż ukoll li tinħareġ is-sejħa għan-nomini tal-Premju Ġieħ l-Imqabba fejn dawn ser ikun qed jintlaqgħu mill-Kunsill sa mhux iktar tard mill-15 ta' Settembru 2023. Ser issir ukoll talba lis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju sabiex tagħtina s-servizz mużikali tagħha għal waqt is-Serata Ġieħ L-Imqabba.

**58.07 *Parking Bays* – Triq il-Konvoj ta' Santa Marija**

58.07.01 Is-Sindku spjegat li bil-*parking bays* li saru fis-*service roads* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, inqalgħet polemika peress li mhux ir-residenti kollha qablu li dawn saru. Hija kompliet billi qalet li l-*parking bays* huma sempliċiment gwida u

għaldaqstant ir-residenti xorta waħda jistgħu jipparkjaw fihom, anke fil-*bays* is-sofor bil-linji maqtugħa quddiem il-garaxxijiet. Is-Sindku fakkret li d-deċiżjoni li jsiru l-imsemmija *parking bays* ilha li ttieħdet b'mod unanimu mill-Kunsill, minn qabel is-sena 2021, u ġew implimentati issa għal diversi raġunijiet, fosthom li għax baqgħet issir it-talba għalihom mir-residenti stess.
Fid-diskussjoni kien hemm żewġ proposti li jew jitneħħa s-*single yellow line* u jitħalla biss dak quddiem il-*garages*; jew li tiċkien is-*central strip* u jkun hemm *parking* fuq iż-żewġ naħat. Il-Kunsillieri qablu b'mod unanimu ma' dawn iż-żewġ proposti u għaldaqstant ser tintalab l-approvazzjoni ta' TM sabiex jitneħħa is-*single yellow line* mis-*service road*, filwaqt li ser tintbgħat il-proposta lil Infrastruttura Malta nbiex tiċkien is-*central strip* sabiex jidħlu iktar spazji għall-parkeġġ.

**58.08 PA/04317/23**

58.08.01 Is-Sindku infurmat li din l-applikazzjoni hija dwar l-iżvilupp fi Triq Ġorġ Martin. Wara diskussjoni mill-Kunsillieri dwar l-imsemmi żvilupp, kien hemm qbil li l-Kunsill ma jistax joġġezzjona għar-raġuni li s-sit huwa *within development zone.*

**58.09 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

58.09.01 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-ippubblikar tar-Regolamenti tal-2023 dwar it-Tqegħid ta' Caravans f'Lokalitajiet.

58.09.02 Korrispondenza minn *Project Green* dwar id-diżinn propost f'Tal-Mitħna fi Triq il-Qrendi, L-Imqabba.

58.09.03 Korrispondenza mingħand l-*Energy and Water Agency* dwar il-*PV Battery Project* fejn ġejna infurmati li rċevew l-applikazzjoni tal-Kunsill biex nipparteċipaw fil-proġett. Madanakollu ser ikunu qed ikellmuna lura skond l-ordni ta' kif waslulhom l-applikazzjonijiet kif ukoll il-fondi disponibbli.

**58.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

58.10.01 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li jsiru *Stop Signs* fis-*Service Roads* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-Sindku spjegat li se jsir *Traffic Management* minn TM.

58.10.02 Il-Kunsillier Dingli semma l-problema ta' parkeġġ fil-parti tat-triq fejn tagħlaq biswit il-mekkanik fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. L-ispazju għall-parkeġġ qed jimtela b'karozzi li jkunu għat-tiswija. Barra minn hekk hemm problema bid-dħaħen ħerġin mill-bitha tal-istess mekkanik.

58.10.03 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa biex issir talba lill-IM sabiex jiġu nstallati *plastic bollards* fi Triq il-Konvoj kantuniera ma' Triq Valletta. Kien hemm qbil li ssir it-talba.

***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mil-bidu tal-laqgħa, is-SE staqsiet jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

58.10.04 Il-Kunsillier Dingli ssuġġerixxa li jiġu rinfriskati l-marki tat-toroq kollha tar-raħal. Is-S.E. infurmat li ser tkun qed tinforma lill-ħaddiema tal-Kunsill biex dan ikompli jsir.

58.10.05 Il-Kunsillier Dingli semma l-problema ta' wirdien ħerġin mill-*water catchments* tal-Pjazza tal-Knisja. Is-Sindku infurmat li l-problema ser tiġi diskussa mal-Ministru waqt il-laqgħa miegħu ta' nhar l-4 ta' Awwissu 2023 fid-9am.

58.10.06 Il-Kunsillier Dingli issugerixxa sistema ta' *pigeon proofing* li joffri *supplier* privat. Wara diskussjoni fuq din, ma kienx hemm qbil li ssir din is-sistema.

58.10.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'inhi s-sitwazzjoni preżenti tal-knis. Huwa ġie infurmat mis-Sindku li l-kuntrattur għandu kennies ġdid u jidher li qed jagħmel xogħlu tajjeb.

58.10.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għaliex persuna li ġiet imħarrka fuq skart biswit l-IBins kellu jħallas EUR650 wara li kien infurmat li jekk ma jħallasx, il-multa tista' tirdoppja. Is-S.E. ser tiċċekkja mal-LESA f'dan ir-rigward.

58.10.09 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li għandha ssir żabra fil-Ġnien Misraħ Missjoni ż-Żgħira, għaliex waqa anke zokk ta' siġra. Wara diskussjoni fuq din, kien hemm qbil li tinħareġ *default notice* lill-kuntrattur għar-raġuni li qed ikun hemm wisq telqa' fil-ġonna pubbliċi tar-raħal.

58.10.10 Il-Kunsillier Decelis informa li fil-passat kien hemm żewġ *parking bays* fi Triq Karmenu Ciantar viċin il-*Bus Stop* fejn wara li kienet saret it-triq, dawn naqsu għal kaxxa waħda. Ġie deċiż li niċċekkjaw jekk il-*parking bay* tistax terġa' ssir.

58.10.11 Il-Kunsillier Decelis isuġġerixxa biex isir *organic waste bin* ħdejn l-*IBins*. Wara diskussjoni fuq dan, ma kienx hemm qbil minħabba problema ta' rwejjaħ, ġrieden u *hornets*.

58.10.12 Il-Kunsillier Decelis staqsa jekk bil-proġett tal-Ġnien Onġi Onġella, hux se jonqos l-ispazju għall-parkeġġ. Is-Sindku wieġbet li mhux se jonqsu l-*parking spaces*.

**58.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/58**

58.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/58 ġiet approvata unanimament.

58.11.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Ġunju 2023 ġiet approvata unanimament.

**58.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

58.12.01 Il-laqgħa ntemmet fid-8:45 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ġimgħa 18 ta' Awwissu 2023 fl-4:30 pm.

Konfermati illum il-Ġimgħa 18 ta' Awwissu 2023.

**Grace Marie Zerafa**
**Sindku**

**Valerie Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**